**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 013/2020**

10 ta' Settembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

**13.1 Qari ta' ittri ta' apologija**

13.1.1 Ma kienx hemm

**13.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

13.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 11 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

13.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

13.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

13.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 12 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

13.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

13.2.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

**13.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

13.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien inzamm hekk kif ippjanat Cospicua Short Play Festival 2020. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi aktar dettalji dwar il-materja kienu ser jinghataw 'il quddiem waqt l-istess seduta.

13.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera b'laqgha li flimkien mal-Kunsillier Vella kellha ma' LESA u li matulha gew diskussi primarjament CCTV cameras fil-lokalita' bil-kunsill Lokali iressaq proposta li giet accettata minn LESA sabiex jigu installati numru ta' CCTV cameras f'postijiet strategici, liema CCTV cameras kellhom jigu sorveljati minn LESA.

13.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet zammet numru ta' laqghat b'konnessjoni ma' inizjativa li tikkoncerna hamiem selvagg li l-Kunsill Lokali kien iddiskuta fis-seduta precedenti. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, kien ser ikun hemm aktar informazzjoni waqt l-istess seduta.

13.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mal-Jum Dinji tad-diversita', fil-11 ta' Settembru 2020, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jara illi tinxteghel il-faccata tal-binja amministrativa bil-kuluri li jissimbolizzaw id-diversita'.

## 13.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

13.4.1 Ma kienx hemm

## 13.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

13.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru009/20) ghall-approvazzjoni.

13.5.2 Fuq proposta tas-Sur Johann Scerri ssekondata mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

13.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru009(B)/20) ghall-approvazzjoni.

13.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

13.5.5 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Awissu 2020.

13.5.6 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondat mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

## 13.6 Sejhiet ghall-offerti/ kwotazzjonijiet

13.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara diskussjoni li kien hemm fis-seduti precedenti, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb illi jigi mhejji dokument tas-sejha ghall-offerti ghar-rigenerazzjoni ta' grawnds Peppi Delceppo. Wara li l-Kunsill Lokali xtarr tajjeb id-dokument, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tinhareg sejha ghall-offerti skont id-dokument propost. Kien hemm qbil illi s-Sinjuri Ramona Falzon Gatt u Vanessa Galea kellhom jokkupaw ir-rwol ta' opening staff filwaqt li s-Sinjuri Adrian Mifsud, Romina Perici Ferrante u Karen Camilleri kellhom jigu mahtura evalwaturi b'konnessjoni mal-istess sejha ghall-offerti.

13.6.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet qieghda tahdem bil-ghan illi jigu installati sistemi ta' irrigazzjoni f'gonna li kien hemm fi Pjazza Santa Margerita, Triq l-Irlandizi u Triq San Nikola. Is-Sa. Zerafa Civelli filwaqt li sahqet illi l-progett fi Triq Santa Margerita seta' jimmaterjalizza wara li jitlesta progett iehor li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jimplimenta fiz-zona, infurmat lill-Kunsill Lokali illi ghat-tliet siti il-Kunsill Lokali kien kiseb fondi

li jammontaw ghal kwazi tnejn u erbghin elf ewro minn skema mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Dan filwaqt illi l-bills of quantities li kien hejja l-perit tal-Kunsill Lokali kienu jammontaw ghal madwar hamsa u sittin elf ewro. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu johrog sejha ghall-offerti skont il-bills of quantities propost. Gie deciz ukoll illi s-sinjuri Ivan Zammit u Ramona Falzon Gatt kellhom ikopru r-rwol ta' opening staff, filwaqt li s-Sinjuri Martin Vella, Christoper Falzon u Kenneth Brincat kellhom jinhatru bhala evalwaturi.

13.6.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu jinhtieg li jigi diskuss il-kiri ta' dawl dekorattiv ghal zmien il-Milied. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward kienet iddiskutiet mal-Vici-Sindku u kien qieghed jigi proposta illi jigi mikri dawl ghal Triq Dahlet it-Tlett Ibliet, Triq San Frangisk, Triq San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, Triq Dom Mintoff, Triq Santa Tereza, Triq l-Inkoronazzjoni, Triq il-Pellegrinagg, Fuq Verdala u Wesghet il-Knisja tan-Nativita'. Filwaqt li flimkien ma' disinji LED kellhom jehlu fairy lights fit-toroq imsemmija, fi Triq Santa Tereza u Triq Dom Mintoff kellhom jehlu bozoz tradizzjonali. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera illi kellha tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet bid-dettalji msemmija. Gie deciz ukoll illi s-sinjuri Vanessa Galea u Ivan Zammit ikopru r-rwol ta' opening staff filwaqt li s-Sinjuri Romina Perici Ferrante, Marco Agius u l-perit Roderick Spiteri gew mahtura evalwaturi.

13.6.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara decizjoni li kien ha l-Kunsill Lokali illi johrog sejha ghall-offerti ghall-akkwist ta' fanali ornamentali, kienet giet sottomessa applikazzjoni sabiex jinkisbu fondi mill-programm Development Planning Fund tal-awtorita' tal-Ippjanar. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kien gie mhejji dokument tas-sejha ghall-offerti sabiex hekk kif l-awtorita' tal-Ippjanar tikkonferma illi d-dettalji teknici kienu konformi mal-policies tal-istess awtorita', tkun tista' tigi ppublikata s-sejha ghall-offerti. Wara li inghataw dettalji tad-dokument tas-sejha ghall-offerti, liema dokument gie approvat, kien hemm qbil illi hekk kif tinhareg is-sejha, is-Sinjuri Vanessa Galea u Ramona Falzon Gatt kellhom ikopru r-rwol ta' opening staff bis-Sinjuri Martin Vella, Christoper Falzon u Kenneth Brincat jinhatru bhala evalwaturi.

**13.7 Mili ta' postijiet vakanti.**

13.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 2020 kien ser ikun qieghed jaghlaq iz-zmien ghall-gheluq tas-sottomissjonijiet ta' curriculum vitae ghall-mili ta' post vakanti ( skrivan/a fi skala 15). Fir-rigward, il-Kunsill Lokali kien diga ircieva numru ta' sottomissjonijiet u kien jidher li kien ser ikun hemm livell tajjeb ta' kandidatura. Is-Sur Johann Scerri informa lill-Kunsill Lokali illi minhabba ragunijiet ta' xoghol ma kienx ser ikun possibbli ghalih li jkompli jservi fl-interviewing board marbut mal-istess ingagg ta' skrivan/a. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi s-sur Scerri kellu jkun sostitut bis-Sur Martin Vella. B'hekk il-bord kellu jkun kompost mis-Sinjuri Alison Zerafa Civelli, Martin Vella, Melanie Agius u Duncan Hall.

## 13.8 Cospicua Short Play Festival

13.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif kienet semmiet aktar kmieni waqt l-istess seduta, kienet inzammet b'success it-tielet edizzjoni tal-Cospicua Short Play Festival. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, minkejja c-cirkostanzi li kien ghaddej minnha l-pajjiz u bi sforzi logisitici konsiderevoli, il-Kunsill Lokali kien ta' dimostrazzjoni illi kemm il-darba jkun hemm ir-rieda u serjeta', ma kienx hemm il-htiega illi l-attivitajiet jigu kkancellati. Is-Sindku temmet tghid illi f'isem il-Kunsill Lokali kellha turi apprezzament lil kull min kien involut sabiex tittella' l-attivita'.

## 13.9 Rapporti

13.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-perit tal-Kunsill Lokali kien hejja stima ghar-restawr tal-faccata tal-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali flimkien ma' xi xogholijiet ancillari (membrane, bdil ta' balavostri ecc), liema stima kienet tammonta ghal aktar minn erbgha u erbghin elf ewro. Kien hemm qbil bejn il-Kunsill Lokali illi l-materja kellha tigi diskussa f'aktar dettall f'seduti segwenti.

13.9.2 Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jistaqsi lis-Sur Mark Marlow dettalji dwar it-tip ta' survey li kien mehtieg b'konnessjoni ma' progett zghir li kien qieghed jigi implimentat fi Triq l-Immakulata.

13.9.3 Il-Kunsill Lokali gie pprezentat bi stimi ghal tindif u xoghol ta' konkrit f'bitha li kienet tintuza mill-Kunsill Lokali. Minhabba l-fatt illi x-xogholijiet kienu ser ikunu qieghdin jiswew aktar minn tmienja u ghoxrin elf ewro, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-materja kellha tigi diskussa f'aktar dettall f'seduti segwenti.

13.9.4 Il-Kunsill Lokali gie pprezentat bi stima ghal kiri ta' cherry picker. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-imsemmi cherry picker kien ser ikun qieghed jinkera bil-ghan illi jigi mizbugh il-madwar ta' monument kommemorattiv tat-tieni gwerra dinjija li kien hemm fi Triq Dom Mintoff. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsill Lokali

13.9.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' inizjativa li l-Kunsill Lokali kien qieghed jikkunsidra, liema inizjativa kienet tikkoncerna l-qbid ta' hamiem selvagg, kienet saret konsultazzjoni ma' Kunsilli Lokali ohra u kienu waslu numru ta' konfermi li s-servizz kien efficjenti. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza tal-proposta.

13.9.6 Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jordna tabella li tindika postijiet storici fi Pjazza Santa Margerita, liema tabella kienet diga' tezisti u giet maqlugha ghal ragunijiet mhux maghrufa.

13.9.7 Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha ssir spezzjoni fi triq l-Oratorju bil-ghan illi jigi stabbilit jekk f'zona partikolari mill-istess triq, kienx il-kaz illi jitnehhew spazji ta' parkegg kemm il-darba jigi stabbilit illi l-ligi ma kenitx tippermetti. Dan wara li l-Kunsill Lokali kien ircieva numru ta' talbiet ghal U-channels fiz-zona peress li kien qieghed ikun hemm parkegg abuziv fuq il-bankini.

**13.10 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

13.10.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-8:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-8 ta' Ottubru 2020 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 8 ta' Ottubru 2020

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |